# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 731/2007

## tas-27 ta' Ġunju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], u partikolarment l-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-parti F ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 [2] ġiet mibdula bir-Regolament (KE) Nru 487/2007. L-iżball li sar fil-kodiċi NM u d-deskrizzjoni tal-prodott "Jogurt" għandu jiġi kkorreġut.

(2) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-Regolament (KE) Nru 2535/2001, il-Parti F hija mibdula bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
[2] ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 487/2007 (ĠU L 114, 1.5.2007, p. 8).

*ANNESS*

"I.F

KWOTA TAT-TARIFFI TAĦT L-ANNESS II TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ U L-IŻVIZZERA DWAR IL-KUMMERĊ FI PRODOTTI AGRIKOLI

| Kwota numru | Il-kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni | Dazju doganali | Kwota Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju f'tunnellati |
|---|---|---|---|---|
| 09.4155 | ex 0401 30 | Krema, ta' kontenut xaħmi ta' piż li jaqbeż is-6 % | eżenzjoni | 2 000" |
| | 0403 10 | Jogurt | | |